MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Numru 1039/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**VS**
**KENNETH ELLUL**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth Ellul ta’ 31 sena, iben Joseph Mary u Iris nee’ Caruana, imwieled Pieta’, nhar il-15 ta’ Settembru 1974 u residenti 103A Tal-Borg Street Paola u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 444374M.

Akkuzat talli gewwa San Giljan mix-Xatt tal-bajja ta’ San Gorg fit-12 ta’ April 2005, ghall-habta tal-11:30amm ikkommetta serq ta’ Laptop computer tal-marka Zithez, u diversi accessorji ohra a detriment ta’ Anderson Marianne

Thorgny minn tas-Sliema minn San Gwann; liema serq jeccedi l-hames mitt lira Maltin izda ma jeccedix l-Elf Lira Maltin u kkwalifikat, bix-xort tal-haga misruqa, bil-valur u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 261,263, 267, 271(g), 279(a) u 281(a) tal-kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq Vettura tal-ghamla Hyundai Atos b'numru ta' registrazzjoni IMK 128 ghad-dannu ta' Marshall Ltd Tal-Fgura u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess data u fil-jiem ta' wara, f'diversi lokalitajiet, xjentement f'Malta laqgha ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti. Ai termini tal-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-12 ta' April 2005 ghall-habta ta' 2:00pm gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta il-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat billi ddenunzja lil pulizija ezekutiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistaw jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artiklu 110 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilement mitluba titratta mal-imputat bhala li huwa irrenda ruhu ricediva u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittiviu ma jistghux jinbidlu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-Imputat sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-Pulizija giet infurmata mill-Control Room fil-Bajja ta’ San Gorg kienet giet misruqa il-vettura IMK-128 Hyundai Atos billi nkisrilha l-hgieg taghha. Din kienet propjeta ta’ James Marshall tas-Socjeta’ Rent-a-Car Limited. Din il-vettura kienet giet mikrija min Maryanne Throgny Anderson. Minn din il-karozza gew misruqa laptop tal-marka Zithez valur ta’ Lm600, “external floppy disk” valur ta’ Lm15, mp3 b’valur ta’ Lm10 u cwievet ta’ xi ufficini u basket tal-canvas blu.

Spettur Tonna a fol 18 et sequitur xehed li PC 880 Pantalesco dak il-hin kien ghaddej bil-karozza private tieghu fil-vicinanzi, meta nnotta Austin Metro IAL 624 li fiha kien hemm l-imputat Ellul, ftit il-boghod minn fejn sehhet is-serqa. PC 880 prova jsegwi lill imputat Ellul izda ma rnexxilux u ghaldaqstant avza lill-Pulizija sabiex din tohrog messagg sabiex jigi intercettat l-imputat Ellul. Illi ghall-habta tas-sghatejn Spettur Tonna gie infurmat illi ntraccaw lill Ellul li kien appena irregistra rapport li l-vettura tieghu kienet insterqet mill-parking tal-Belt. *

Spettur Tonna xehed illi minn indagini ulterjuri li saru tramite ufficjali tal-Go Mobile jirrizulta illi t-telephone tal-imputat gie ttraccat mir-“receivers” tal-Go fil-Madliena u f’San Giljan. Sussegwentement din il-vettura tal-imputat giet misjuba n-Naxxar. Go fiha nstabu l-Canvas bag u l-oggetti kollha li kienu nsterqu mill-vettura IMK-128.

L-imputat, fiz-zewg l-istqarrijii tieghu, qal illi huwa kien il-Qorti fil-hin illi sehhet is-serqa indikata fl-akkuza. Hu innega l-involviment tieghu f’din is-serqa. L-istqarriji gew esebiti bhala Dokument MT3 u MT4, ir-res furtiva giet esebita bhala Dokument MT2, kunsens tal-Avukat

Generali MT1 u ritratti MT5(i)-MT5(xii). L-okkorrenza gew esebiti bhala MT6 u MT7 waqt illi l-korrispondenza mal-Go Mobile giet esebita bhala MT8,MT9,MT10. Gew esebiti wkoll zewg sentenzi fil-konfront tal-avukat MT11 u MT12

A fol 56 Supretendent Carmelo Bartolo kkonferma s-sentenza MT11 u gharaf lill-imputat.

PC880 a fol 87 xehed illi fid-data indikata fl-akkuza huwa kien lemah lill-imputat Kenneth Ellul fit-Triq San Gorg, Bajja ta' San Gorg u lemhu bil-karozza IAL 642 wieqaf fil-kantuniera. Huwa kien nizzel in-numru ta' din il-karozza. Huwa qal illi ghamel dan il-ghaliex hu kien jaf lil Kenneth Ellul u kien jafu midhla ta' Rahal il-Gdid. Huwa xehed illi l-ewwel darba li lemah lill-imputat huwa kien tieghla bil-bagalja sewda f'idu. PC880 xehed li huwa ta daqqa meta Kenneth Ellul induna bih ippanikja, waqaf naqra mbaghad telaq jigri ma' persuna ohra. PC 880 xehed illi huwa ta daqqa t'ghajn fl-inhawi u lemah karozza bil-quarter window taghha mkissra u ghalhekk segwa lill-Keneth Ellul bil-vettura tieghu. Nel frattemp avza lill-control room u tahom id-dettalji tal-karozza tal-imputat.

PS 728 Brandon Borg esebixxa okkorrenza Dokument PS cioe' rapport maghmul mill-imputat tas-serq tal-car IAL 624.

Stefen Cachia a fol 83 raprezentant tal-ADT ikkonferma li l-vettura IAL 634 kienet registrata fuq Joseph Ellul 11734M li jigi missier l-imputat u esebixxa Dokument SC.

SM 38 Paul Zahra kkonferma li l-Pulizija tal-ghassa tan-Naxxar kienu gew infurmati li kien hemm karozza IAL 624 abbandunata f'Bahar ic-Caghaq u esebixxa l-okkorrenza Dokument PS X.

Anthony Bonnici kkonferma l-korrispondenza tal-Go Mobile u l-"*call profiles*" u l-"sms profiles" tal-mobile number 97539906 fil-perjodu ta' bejn il-11 u t-12 ta' April 2005 u l-lista ta' repeaters li maghhom kien qabad dan il-mobile koncernat.

James Marshall a fol 100 ikkonferma li l-vettura IMK 128 Hyundai Atos kienet propjeta tal-kumpanija tieghu u li din kienet sfat misruqa fit-12 ta' April 2005 u minnha ttiehed laptop tal-klijent li kien kriha.

PS 419 Anton Buttigieg ikkonferma li fit-12 ta' April 2005 fil-11:40a.m. kien ircieva l-messagg ta' PC 880 li kien qieghed isegwi l-hallelin fosthom l-imputat Kenneth Ellul li kienu ghadhom kemm serqu minn karozza IMK 128 u li Ellul kien hareg b'xi oggett f'idejh li kien jidher li qisu laptop. PS Buttigieg ikkonferma li certu Anderson kienet irrapurtat serq mill-vettura tal-kiri fil-**hdax ta' filghodu** tal-istess gurnata. Ghall-habta **tas-siegha ta' wara nofsinhar** PS Buttigieg xehed li Kenneth Ellul kien mar jirraporta l-ghassa tal-Belt li kienet insterqitlu l-car tieghu. Giet esebita okkurenza Dokument PS X.

l-imputat Kenneth Ellul fit-testimonjanza tieghu xehed illi huwa kien il-Qorti il-ghaliex kellu seduta quddiem il-Magistrat Dr. Micallef Trigona meta rcieva telefonata minghand ommu li l-Pulizija riedu jkellmuh. Huwa rrisponda lill-ommu li kien qieghed il-Qorti. L-imputat xehed illi l-kawza tieghu quddiem il-Magistrat Trigona kienet giet ddifferita, jghid li kien mar ghall-karozza tieghu, ma sabiex f'postha u ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Belt li nsterqitlu l-karozza Austin Metro. Illi meta wasal hemm l-Ispettur Tonna arrestah. L-imputat innega l-involviment tieghu fis-serqa indikata fic-citazzjoni.

Christine Farrugia, Deputat Registratur tal-Qorti pprezentat verbal Dokument C tas-seduta tal-Magistrat Dr. Micallef Trigona.

Iris Ellul ikkonfermat li f'April 2005 ghall-habta ta' 12:00 kienu gew zewg Pulizija biex jkellmu lil binha Kenneth Ellul izda hija wiegbitu illi binha kien il-Qorti u li hija telqet mill-Qorti ghall-habta ta' xi l-11:00 il-11:15.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirizulta b'mod anke ampju, illi l-imputat kien il-persuna illi wettaq

is-serq tal-laptop, mp3, external floppy disk, cwievet u basket tal-canvas mill-karozza Hyundai Atos IMK 128 a detriment ta’ sidha Marshal u Marianne Thorgny Anderson li kienet kritha minghand Marshal. Dan jirrizulta b’mod inekwivoku il-ghaliex PC 880 li kumbinazzjoni kien fl-akkwata ra lill-imputat vicin din il-karozza b’basket iswed tal-Laptop f’idejh. PC 880 jaghti deskrizzjoni ta’ kif l-imputat kien ippenikja meta rah u telaq jigri flimkien mal-assistent tieghu u dahal fil-karozza Austin Metro tieghu u harab minn fuq il-post. **Illi meta din il-karozza giet misjuba mill-Pulizija instabu l-oggetti formanti parti mir-res furtiva tas-serq tal-Atos IMK 128.**

Illi minkejja li l-imputat jiprotesta illi huwa kellu seduta l-Qorti u ghaldaqstant ma kienx possibli li hu jwettaq din is-serqa f’San Giljan kwazi Pembroke, dan gie kompletament kontradett xjentifikament il-ghaliex ir-“receivers” tal-Go Mobile identifikaw it-telefonati tieghu waqt li huwa kien ghaddej mill-Madliena (ara Dokumenti MT9 a fol 45 u 46)flimkien mad-Dokumenti l-ohra li gew ikkonfermati minn Andrew Bonnici raprezentat tal-GO (ara fol 40-52).

Illi minkejja l-isforz tal-imputat biex jikrea alibi ghalih innifsu, johrog ben kjar illi PC 880 irraporta lill-control room fil-11:40 u johrog car illi l-imputat ghamel ir-rapport tas-serq tal-vettura tieghu fis-siegha ta’ wara nofsinhar fl-istess gurnata. Huwa evidenti li dan ir-rapport huwa wiehed manifestament falz, intiz biss biex jiskolpa lill-imputat mis-serqa indikata fic-citazzjoni.

Il-Qorti targhaf illi f’xi moment fil-ghodu bejn is-serqa tal-vettura IMK 128 u r-rapport falz tal-imputat fis-siegha ta’ wara nofsinhar tal-t-12 ta’ April 2005, l-imputat verament rifes l-ghatba tal-Qorti u dana kif rrizulta mill-verbal tal-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona, fejn jidher illi ma nstemghu ebda xhieda u effettivament inghata biss diferiment. Dan sar biss fl-istess attentat biex jghatti l-passi tieghu.

Ghall-rigward ta’ akkuzi ta’ hsara voluntarja jidher mix-xhieda ta’ James Marshall li dan ma kien qieghed jipretendi xejn mill-imputat u ma esebixxa ebda stima tal-hsarat tal-quarter window tal-karozza tieghu.

Ghal rigward tal-akkuza tar-recidiva din giet penalment provata bil-esebizzjoni tas-sentenza MT11 a fol 53 et sequitur u x-xhieda tal-identita tal-imputat maghmula minn Supretendent Carmelo Bartolo.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u r-raba u l-hames akkuza u mhux hati tat-tieni akkuza fuq nuqqas ta’ provi u tat-tielet akkuza stanté li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li minnhom tilliberah u wara li rat l-artikli 49 u 50 261,263, 267, 271 (g), 279(a), 281(a), u 110 kollha taht il-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ghal ghaxar xhur prigunerija.

Din il-piena tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-Fedina Penali rafrettarja tal-imputat li ma tippermetti ebda piena alternattiva.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------